MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 591/2007

**Salvino Debono (I.D. 474235M)**

**Vs**

**Roderick Saliba (I.D. 355077M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Lulju 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mitt Liri Maltin (Lm400) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur erba’ mitt Liri Maltin (Lm400) bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------